

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 577/2013**

tat-28 ta' Ġunju 2013

► **C2** dwar il-mudell tad-dokumenti ta' identifikazzjoni ◀ għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1219/2014 tat-13 ta' Novembru 2014	L 329	23	14.11.2014
► M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/561 tal-11 ta' April 2016	L 96	26	12.4.2016
► M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1293 tad-29 ta' Lulju 2019	L 204	3	2.8.2019

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 215, 10.8.2016, p. 37 (2016/561)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 45, 17.2.2018, p. 47 (577/2013)



REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 577/2013

tat-28 ta' Ġunju 2013

►C2 dwar il-mudell tad-dokumenti ta' identifikazzjoni **◄** għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Format, tqassim u rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 7, 11 u 12 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

1. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandhom jitfasslu f'konformità mal-format u t-tqassim stipulat fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u għandhom jikkonformaw ma' r-rekwiżiti lingwistiċi stipulati fil-Parti 3 ta' dak l-Anness.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandhom jitfasslu f'konformità mal-format u t-tqassim stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti lingwistiċi stipulati fil-Parti 3 ta' dak l-Anness.

Artikolu 2

Listi ta' territorji u ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

1. Il-lista ta' territorji u pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 jidher fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. Il-lista ta' territorji u pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 jidher fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Mudell tal-passaporti għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates jew inmsa

1. Il-passaport imsemmi fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandu jitfassal f'konformità mal-format u t-tqassim stipulati fil-Parti 1 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-passaporti maħruġa, skont il-punt (a) tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, f'wieħed mit-territorji jew pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament għandhom jitfasslu skont il-mudell stipulat fil-Parti 3 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament u għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fil-Parti 4 ta' dak l-Anness.



Artikolu 4

Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment mhux kummerċjali lejn l-Unjoni ta' klieb, qtates jew inmsa

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemija fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 għandu

- (a) jkun imħejji f'konformità mal-mudell stipulat fil-Parti 1 tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;
- (b) jimtela skont in-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness;
- (c) jkun issupplimentat minn dikjarazzjoni bil-miktub imsemija fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 li għandha titfassal f'konformità mal-mudell stipulat fit-Taqsima A tal-Parti 3 ta' dak l-Anness u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fit-Taqsima B tal-Parti 3 ta' dak l-Anness.

Artikolu 5

Revoki

Id-Deċiżjonijiet 2003/803/KE, 2004/839/KE u 2005/91/KE huma mħassra.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-29 ta' Diċembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNEX I

**Format, tqassim u rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet
imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2) u tal-Artikolu 11(2) u fil-punt (c) tal-
Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013**

PARTI 1

**Format u tqassim tad-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2) u
tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013**

DIKJARAZZJONI

Jiena, is-sottoskritt

..... ⁽¹⁾

[sid jew persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi f'isem is-sid ⁽²⁾]

niddikjara li mit-twelid sal-ħin tal-moviment mhux kummerċjali l-annimali domestiċi li ġejjin ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali selvaġġi ta' speċi suxxettibbli għall-marda tal-idrofbija:

Kodiċi alfanumeriku tat-transponder/tat-tatwaġġ ⁽²⁾	Numru tal-passaport/taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ⁽²⁾

Post u data:

Firma:

⁽¹⁾ għandu jkollha kapitali.

⁽²⁾ ħassar skont kif xieraq.



PARTI 2

Format, tqassim u rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

DIKJARAZZJONI

Jiena, is-sottoskritt

..... (1)

[sid jew persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi f'isem is-sid (2)]

niddikjara li matul it-tranżitu minn wiehied mit-territorji jew pajjiżi terzi għajr dawk elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 dawn l-annimali domestiċi ma' għewx f'kuntatt ma' annimali ta' speċi vulnerabbli għall-idrofobija u jinżammu b'mod sikur fi ħdan mezz ta' trasport jew fil-perimetru ta' ajruport internazzjonali (2):

Kodiċi alfanumeriku tat-transponder/tat-tatwaġġ (2)	Numru taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali

Post u data:

Firma:

(1) għandu jimplika b'ittri kapitali.

(2) hasar skont kif xieraq.

PARTI 3

Rekwiżiti lingwistiċi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2) u tal-Artikolu 11(2) u fil-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu abbozzati fil-lingwi uffiċjali tal-Stat Membru tad-destinazzjoni/tad-dħul u bl-Ingliż.

▼ **M1***ANNEX II***Lista tat-territorji u l-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013**▼ **M3**

PARTI 1

Lista tat-territorji u tal-pajjiżi terzi msemmijin fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Kodiċi tal-ISO	Territorju jew pajjiż terzi
AD	Andorra
CH	l-Iżvizzera
FO	il-Gżejjer Faeroe
GI	Ġibiltà
GL	Greenland
IS	l-Iżlanda
LI	il-Liechtenstein
MC	Monaco
SM	San Marino
VA	l-Istat tal-Belt tal-Vatikan

PARTI 2

Lista tat-territorji u tal-pajjiżi terzi msemmijin fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

Kodiċi tal-ISO	Territorju jew pajjiż terzi	It-territorji inklużi
AC	il-Ġżira ta' Ascension	
AE	l-Emirati Għarab Magħquda	
AG	Antigua u Barbuda	
AR	l-Arġentina	
AU	l-Awstralja	
AW	Aruba	
BA	il-Bożnija-Herzegovina	
BB	Barbados	
BH	il-Bahrain	
BM	Bermuda	
BQ	Bonaire, Sint Eustatius u Saba (il-Gżejjer BES)	
BY	il-Belarussja	
CA	il-Kanada	
CL	iċ-Ċili	

▼ **M3**

Kodiċi tal-ISO	Territorju jew pajjiż terz	It-territorji inklużi
CW	Curaçao	
FJ	Fiġi	
FK	il-Gżejjer Falkland	
HK	Hong Kong	
JM	il-Ġamajka	
JP	il-Ġappun	
KN	Saint Kitts u Nevis	
KY	il-Gżejjer Cayman	
LC	Saint Lucia	
MS	Montserrat	
MK	il-Maċedonja ta' Fuq	
MU	Mauritius	
MX	il-Messiku	
MY	il-Malasja	
NC	New Caledonia	
NZ	New Zealand	
PF	il-Polineżja Franċiża	
PM	Saint Pierre u Miquelon	
RU	ir-Russja	
SG	Singapore	
SH	Saint Helena	
SX	Sint Maarten	
TT	Trinidad u Tobago	
TW	it-Tajwan	
US	I-Istati Uniti tal-Amerka	AS — is-Samoa Amerikana ĠU — Guam MP — il-Gżejjer Mariana tat-Tramuntana PR — Puerto Rico VI — il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti
VC	Saint Vincent u l-Grenadini	
VG	il-Gżejjer Verġni Brittaniċi	
VU	Vanuatu	
WF	Wallis u Futuna	



ANNEX III

**Mudelli tal-passaporti għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates
jew inmsa**

PARTI 1

Mudell ta' passaport maħruġ fi Stat Membru



▼ B

	
L-Unjoni Ewropea [Stat Membru]	
PASSAPORT TAL-ANNIMALI DOMESTĊI	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	Paġna 1 minn X

Noti ta' spjegazzjoni dwar kif jimtlew il-passaporti
• F'kull Taqsima tal-passaport għandu jintuża l-format li ġej biex jindikata — data: jj/xx/ssss — ħin: 00:00 • Taqsima III, il-punt 5: informazzjoni meħtieġa meta annimal ikun sarlu tatwaġġ li jista' jinqara faċilment qabel it-3 ta' Lulju 2011 u li mhuwiex immarkat bl-impjantazzjoni ta' transponder. • Taqsima V: meħtieġa biss — qabel iċ-ċaqliq lejn Stat Membru ieħor skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali; jew — meta l-annimal jerġa' jidħol fl-Unjoni wara ċaqliq lejn territorji jew pajjiżi terzi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali (għandha timtela qabel ma l-annimal iħalli l-Unjoni); jew — iskont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. • Taqsima V, "validu minn ²": iinformazzjoni mhux meħtieġa għat-tilqim biex isaħħaħ it-tilqim li jkun sar qabel (booster).
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru



Noti ta' spjegazzjoni dwar kif jimtlew il-passaporti

- Taqsima VI: meħtieġa biss meta l-annimal jerġa' jidħol fl-Unjoni wara ċaqliq lejn territorji jew pajjiżi terzi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali (għandha timtela qabel ma l-annimal iħalli l-Unjoni);
- Taqsima VII: meħtieġa biss qabel iċ-ċaqliq lejn ċerti Stati Membri skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali;
- Taqsimiet VIII sa XI: tista' tkun meħtieġa minn-territorji jew pajjiżi terzi tad-destinazzjoni li jaċċettaw il-passaport.
- Taqsima X: meħtieġa biss meta l-annimal jiġi akkumpanjat minn ċertifikat tas-saħħa skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali.

Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru

I. DETTALJI TAS-SID

1. Isem: _____
 Kunjom: _____
 Indirizz: _____

Kodiċi postali: _____

Belt: _____

Pajjiż: _____

Numru tat-telefown*: _____

Firma: _____

2. Isem: _____
 Kunjom: _____
 Indirizz: _____

Kodiċi postali: _____

Belt: _____

Pajjiż: _____

Numru tat-telefown*: _____

Firma: _____

* fakultattiv

Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru

▼ B

II. DESKRIZZJONI TAL-ANIMAL	
RITRATT TAL-ANIMAL <i>(fakultattiv)</i>	
1. Isem*:	_____
2. Speċi:	_____
3. Razza*:	_____
4. Sess	_____
5. Data tat-twelid*:	_____
6. Kulur:	_____
7. Kwalunkwe fattizza jew karatteristika partikolari jew li tista' tingħaraf:	_____ _____
* kif iddikjarat mis-sid	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	

III. IMMARKAR TAL-ANIMAL	
1. Kodiċi alfanumeriku tat-transponder	_____
2. Data tal-applikazzjoni jew tal-qari* tat-transponder	_____
3. Fejn jinsab it-transponder	_____
4. Kodiċi alfanumeriku tat-tatwaġġ	_____
5. Data tal-applikazzjoni/data tal-qari tat-tatwaġġ	_____/_____
6. Fejn jinsab it-tatwaġġ	_____
L-immarkar għandu jkun ivverifikat qabel ma tiddaħħal reġistrazzjoni oħra f'dan il-passaport	
* ħassar kif meħtieġ	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	

▼ B

IV. ĦRUĠ TAL-PASSAPORT	
Isem il-veterinarju awtorizzat:	
Indirizz:	
Kodiċi postali:	
Belt:	
Pajjiż:	
Numru tat-telefown:	
Indirizz elettroniku:	
Data tal-ħruġ:	
TIMBRU U FIRMA	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	

V. TILQIM KONTRA L-IDROFOBIJA				
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-VAĊĊIN	NUMRU TAL-LOTT	DATA TAT-TILQIM ¹ VALIDU MINN ² VALIDU SA ³	VETERINARJU AWTORIZZAT	
	1		*	
	2			
	3			
	1		*	
	2			
	3			

Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru

* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.

▼ B

Kodi ISO tal-Pajjż + Numru		1	
		2	
		3	
		1	
		2	
		3	
		1	
		2	
		3	

* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.

Kodi ISO tal-Pajjż + Numru	VI. TEST TAT-TITRAZZJONI TAL-ANTIKORPI TAL-IDROFOBIA	
	Jiena, hawn taħt iffirmit, nikkonferma li rajt rekord uffiċjali li jiddikjara li t-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobia mwettaq f'laboratorju approvat mill-UE fuq kampjun ta' demm miġbur fid-data msemmija hawn taħt mill-annimal deskritt aktar 'il fuq wera reazzjoni għat-tilqim kontra l-idrofobia f'livell ta' antikorpi newtralizzanti f'serum ugwali għal jew aktar minn 0,5 IU/ml.	
	Kampjun miġbur fi: _____	
	Isem il-veterinarju awtorizzat: _____	
	Indirizz: _____	
	Numru tat-telefown: _____	
Data: _____		
		

▼B

FIL-KAŻ TA' TEST IEĦOR	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	Jiena, hawn taħt iffirmit, nikkonferma li rajt rekord uffiċjali li jiddikjara li t-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija mwettaq f'laboratorju approvat mill-UE fuq kampjun ta' demm miġbur fid-data msemmija hawn taħt mill-annimal deskritt aktar 'il fuq wera reazzjoni għat-tilqim kontra l-idrofobija f'livell ta' antikorpi newtralizzanti f'serum ugwali għal jew aktar minn 0,5 IU/ml. Kampjun miġbur fi: _____ Isem il-veterinarju awtorizzat: _____ Indirizz: _____ Numru tat-telefown: _____ Data: _____ TIMBRU U FIRMA

VII. TRATTAMENT TA' KONTRA L-ECHINOCOCCUS		
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-PRODOTT	DATA ¹ ĦIN ²	VETERINARJU
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	

▼B

Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		

VIII. TRATTAMENTI ANTIPARASSITIĊI U FIRMAI OĦRAJN		
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-PRODOTT	DATA ¹ ĦIN ²	VETERINARJU
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	

▼B

Kodi ISO tal-Pajjż + Numru		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		

IX. TILQIMET OĦRAJN				
	MANIFATTUR U L-ISEM TAL-VAĊĊIN	NUMRU TAL-LOTT	DATA TAT-TILQIM ¹ VALIDU SA ²	VETERINARJU
Kodi ISO tal-Pajjż + Numru		1	TIMBRU U FIRMA	
		2		
		1	TIMBRU U FIRMA	
	2			
	1	TIMBRU U FIRMA		
	2			

▼ B

Kodiċi ISO ta'-Pajjż + Numru		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		

X. EŻAMI KLINIKU		
DIKJARAZZJONI	DATA	VETERINARJU AWTORIZZAT
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub		
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub		
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub		
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub		

* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.

[illegible]

▼B





PARTI 2

Rekwiżiti addizzjonali li jikkonċernaw il-passaport maħruġ fi Stat Membru

1. Format tal-passaport:

Id-dimensjoni tal-passaport għandu jkun 100×152 mm.

2. Qoxra tal-passaport:

(a) Il-qoxra ta' quddiem:

(i) kulur: ikħal (PANTONE® Reflex Blue) u stilel sofor (PANTONE® Yellow) fil-kwart ta' fuq li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tal-emblema Ewropea ⁽¹⁾.

(ii) il-kliem “Unjoni Ewropea” u l-isem tal-Istat Membru tal-ħruġ għandhom ikunu stampati bl-istess tipa;

(iii) il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-ħruġ segwit minn kodiċi alfanumeriku uniku (indikati bħala “numru” fil-mudell tal-passaport stabbilit fil-Parti 1), għandu jkun stampat isfel.

(b) Ġewwa l-qoxra ta' quddiem u ġewwa l-qoxra ta' wara: kulur abjad;

(c) Il-qoxra ta' wara: kulur ikħal (PANTONE® Reflex Blue).

3. Sekwenzi tal-intestaturi u tan-numerazzjoni tal-paġni tal-passaport:

(a) is-segwenza tal-intestaturi (b'numri Rumani) għandhom ikunu osservati b'mod strett;

(b) il-paġni tal-passaport għandhom ikunu nnumerati fil-qiegħ ta' kull paġna fil-format li ġej: “x minn n”, fejn x huwa l-paġna attwali u n huwa n-numru totali tal-paġni tal-passaport;

(c) il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-ħruġ segwit minn kodiċi alfanumeriku uniku għandhom ikunu stampati fuq kull paġna tal-passaport;

(d) in-numru ta' paġni u d-daqs u l-forma tal-kaxxi fil-mudell tal-passaport stabbilit fil-Parti 1 huma indikattivi.

4. Lingwi:

It-test stampat kollu għandu jkun fil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru tal-ħruġ u bl-Ingliż.

5. Karatteristiċi tas-sigurtà:

(a) Wara li l-informazzjoni meħtieġa tkun iddaħħlet fit-Taqsima III tal-passaport, laminat adegiv trasparenti għandu jissiġilla l-paġna.

(b) Fejn l-informazzjoni fuq waħda mill-paġni tal-passaport tieħu l-forma ta' stiker, laminat adegiv trasparenti għandu jissiġilla dak l-istiker fil-każ fejn dan tal-aħħar ma jispiċċax awtomatikament meta jitneħħa.

⁽¹⁾ Gwida tal-grafika tal-emblema Ewropea: <http://publications.europa.eu/code/mt/mt-5000100.htm>



PARTI 3

Mudell ta' passport maħruġ f'wiehied mit-territorji jew mill-pajjiżi terzi
elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament



▼ B

[Emblema nazzjonali] [Territorju jew pajjiż terz] PASSAPORT TAL-ANNIMALI DOMESTIĊI
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru Paġna 1 minn X

Noti ta' spjegazzjoni dwar kif jimtlew il-passaporti
• F'kull Taqsima tal-passaport għandu jintuża l-format li ġej biex jindikaw — data: jj/xx/ssss — ħin: 00:00 • Taqsima III, il-punt 5: informazzjoni meħtieġa meta annimal ikun sarlu tatwaġġ li jista' jinqara faċilment qabel it-3 ta' Lulju 2011 u li mhuwiex immarkat bl-impjantazzjoni ta' transponder. • Taqsima V: meħtieġa biss — qabel iċ-ċaqliq lejn Stat Membru/... ieħor skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali; jew — meta l-annimal jerġa' jidħol fl-Unjoni/... wara ċaqliq lejn territorji jew pajjiżi terzi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali (għandha timtela qabel ma l-annimal iħalli l-Unjoni/...); jew — skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. • Taqsima V, 'validu minn': informazzjoni mhux meħtieġa għat-tilqim biex isaħħaħ it-tilqim li jkun sar qabel (booster).
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru



Noti ta' spjegazzjoni dwar kif jimtlew il-passaporti

- Taqsima VI: meħtieġa biss meta l-annimal jerġa' jidħol fl-Unjoni/... wara ċaqliq lejn territorji jew pajjiżi terzi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali (għandha timtela qabel ma l-annimal iħalli l-Unjoni/...).
- Taqsima VII: meħtieġa biss qabel iċ-ċaqliq lejn ċerti Stati Membri/... skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali;
- Taqsimiet VIII sa XI: tista' tkun meħtieġa minn territorji jew pajjiżi terzi tad-destinazzjoni li jaċċettaw il-passaport.
- Taqsima X: meħtieġa biss meta l-annimal jiġi akkumpanjat minn ċertifikat tas-saħħa skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali.

Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru

I. DETTALJI TAS-SID

1. Isem: _____
 Kunjom: _____
 Iindirizz: _____

 Kodiċi postali: _____
 Belt: _____
 Pajjiż _____
 Numru tat-telefown*: _____
 Firma: _____

2. Isem: _____
 Kunjom: _____
 Iindirizz: _____

 Kodiċi postali: _____
 Belt: _____
 Pajjiż _____
 Numru tat-telefown*: _____
 Firma: _____

* fakultattiv

Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru

▼ B

II. DESKRIZZJONI TAL-ANIMAL	
RITRATT TAL-ANIMAL <i>(fakultattiv)</i>	
1. Isem*:	_____
2. Speċi:	_____
3. Razza*:	_____
4. Sess:	_____
5. Data tat-twelid*:	_____
6. Kulur:	_____
7. Kwalunkwe fattizza jew karatteristika partikolari jew li tista' tingħaraf:	_____ _____
* kif iddikjarat mis-sid	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	

III. IMMARKAR TAL-ANIMAL	
1. Kodiċi alfanumeriku tat-transponder	_____
2. Data tal-applikazzjoni jew tal-qari* tat-transponder	_____
3. Fejn jinsab it-transponder	_____
4. Kodiċi alfanumeriku tat-tatwaġġ	_____
5. Data tal-applikazzjoni/data tal-qari tat-tatwaġġ	_____ / _____
6. Fejn jinsab it-tatwaġġ	_____
L-immakar għandu jkun ivverifikat qabel ma tiddaħħal reġistrazzjoni oħra f'dan il-passaport	
* ħassar kif meħtieġ	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	

▼ B

IV. ĦRUĠ TAL-PASSAPORT	
Isem il-veterinarju awtorizzat:	
Indirizz:	
Kodiċi postali:	
Belt:	
Pajjiż:	
Numru tat-telefown:	
Indirizz elettroniku:	
Data tal-ħruġ:	
TIMBRU U FIRMA	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	

V. TILQIM KONTRA L-IDROFOBIJA			
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-VAĊĊIN	NUMRU TAL-LOTT	DATA TAT- TILQIM ¹ VALIDU MINN ² VALIDU SA ³	VETERINARJU AWTORIZZAT
	1		*
	2		
	3		
	1		*
	2		
	3		

* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.

Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru

▼B

Kodi ISO tal-Pajiż + Numru		1	
		2	
		3	
		1	
		2	
		3	
		1	
		2	
		3	

* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.

Kodi ISO tal-Pajiż + Numru	VI. TEST TAT-TITRAZZJONI TAL-ANTIKORPI TAL-IDROFOBIJA	
	Jiena, hawn taħt iffirmit, nikkonferma li rajt rekord uffiċjali li jiddikjara li t-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija mwettaq f'laboratorju approvat mill-UE fuq kampjun ta' demm miġbur fid-data msemmija hawn taħt mill-annimal deskritt aktar 'il fuq wera reazzjoni għat-tilqim kontra l-idrofobija f'livell ta' antikorpi newtralizzanti f'serum ugwali għal jew aktar minn 0,5 IU/ml.	
	Kampjun miġbur fi: _____	
	Isem il-veterinarju awtorizzat: _____	
	Indirizz: _____	
	Numru tat-telefown: _____	
Data: _____		
		

▼ B

FIL-KAŻ TA' TEST IEĦOR	
Kodiċi ISO tal-Pajjiż + Numru	Jiena, hawn taħt iffirmit, nikkonferma li rajt rekord uffiċjali li jiddikjara li t-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija mwettaq f'laboratorju approvat mill-UE fuq kampjun ta' demm miġbur fid-data msemmija hawn taħt mill-annimal deskritt aktar 'il fuq wera reazzjoni għat-tilqim kontra l-idrofobija f'livell ta' antikorpi newtralizzanti f'serum ugwali għal jew aktar minn 0,5 IU/ml. Kampjun miġbur fi: _____ Isem il-veterinarju awtorizzat: _____ Indirizz: _____ Numru tat-telefown: _____ Data: _____ TIMBRU U FIRMA

VII. TRATTAMENT TA' KONTRA L-ECHINOCOCCUS		
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-PRODOTT	DATA ¹ MIN ²	VETERINARJU
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	

▼B

Kodi ISO tal-Pajjiż + Numru		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		

VIII. TRATTAMENTI ANTIPARASSITIĊI OĦRAJN		
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-PRODOTT	DATA ¹ ĦIN ²	VETERINARJU
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	
	1	TIMBRU U FIRMA
	2	

▼ B

Kodi ISO tal-Pajjiż + Numru		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		

IX. TILQIMIET OĦRAJN			
MANIFATTUR U L-ISEM TAL-VAĊĊIN	NUMRU TAL-LOTT	DATA TAT-TILQIM ¹ VALIDU SA ²	VETERINARJU
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	



▼ B

Kodiċi ISO tal-Pajż + Numru		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
		2	
		1	TIMBRU U FIRMA
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		
	1	TIMBRU U FIRMA	
	2		

X. EŻAMI KLINIKU		
DIKJARAZZJONI	DATA	VETERINARJU AWTORIZZAT
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub		
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub		
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub		
L-annimal ma juri l-ebda sinjal ta' mard u huwa fi stat tajjeb biex jiġi ttrasportat għall-vjaġġ maħsub		

* Tal-anqas l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u l-firma.

▼B





PARTI 4

Rekwiżiti addizzjonali li jikkonċernaw il-passaport maħruġ f'wiehied mit-territorji jew mill-pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament

1. Format tal-passaport:

Id-dimensjoni tal-passaport għandu jkun 100×152 mm.

2. Qoxra tal-passaport:

(a) Il-qoxra ta' quddiem:

(i) kulur: PANTONE[®] monochrome u l-emblema nazzjonali fil-kwart ta' fuq;

(ii) il-kodiċi ISO tat-territorju jew tal-pajjiż terz tal-ħruġ segwit minn kodiċi alfanumeriku uniku (indikat bħala "numru" fil-mudell tal-passaport stabbilit fil-Parti 3), għandu jkun stampat isfel.

(b) Ġewwa l-qoxra ta' quddiem u ġewwa l-qoxra ta' wara: kulur abjad;

(c) Il-qoxra ta' wara: kulur PANTONE[®] monochrome.

3. Sekwenzi tal-intestaturi u tan-numerazzjoni tal-paġni tal-passaport:

(a) is-segwenza tal-intestaturi (b'numri Rumani) għandhom ikunu osservati b'mod strett;

(b) il-paġni tal-passaport għandhom ikunu nnumerati fil-qiegħ ta' kull paġna fil-format li ġej: "x minn n", fejn x huwa l-paġna attwali u n huwa n-numru totali tal-paġni tal-passaport;

(c) il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-ħruġ segwit minn kodiċi alfa-numeriku uniku għandhom ikunu stampati fuq kull paġna tal-passaport;

(d) in-numru ta' paġni u d-daqs u l-forma tal-kaxxi fil-mudell tal-passaport stabbilit fil-Parti 3 huma indikattivi.

4. Lingwi

It-test stampat kollu għandu jkun fil-lingwa(i) uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiż terz tal-ħruġ u bl-Ingliż.

5. Karatteristiċi ta' sigurtà

(a) Wara li l-informazzjoni meħtieġa tkun iddaħħlet fit-Taqsima III tal-passaport, laminat adeżiv trasparenti għandu jissiġilla l-paġna.

(b) Fejn l-informazzjoni fuq waħda mill-paġni tal-passaport tiegħu l-forma ta' stiker, laminat adeżiv trasparenti għandu jissiġilla dak l-istiker fil-każ fejn dan tal-aħħar ma jispiċċax awtomatikament meta jitneħħa.

▼ B

ANNEX IV

▼ M3

PARTI 1

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa lejn Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

PAJJJĠ:

Ċertifikat veterinarju għad-dħul fl-UE

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta	I.1. Speditur Isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	I.2. a.
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
			I.4. Awtorità kompetenti lokali	
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-Tel.		I.6. Persuna responsabbli mill-konsenja fl-UE	
	I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi tal-ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi
	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi tal-ISO	I.10. Reġjun ta' destinazzjoni	Kodiċi
	I.11. Post tal-oriġini		I.12. Post ta' destinazzjoni	
	I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
	I.15. Mezz ta' trasport		I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE	
			I.17. Nru/Nri tas-CITES	
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-prodott (il-kodiċi tas-SA) 010619	
			I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodotti		I.22. Għadd totali ta' pakketti		
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24. Tip ta' imballaġġ		

▼ **M3**

PAJJIŻ:

Ċertifikat veterinarju għad-dħul fl-UE

I.25. Prodotti ċertifikati għal: Animali domestiċi ☐						
I.26. Għat-tranżitu lejn Pajjiż Terz				I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE		
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti						
Speċi (Isem xjentifiku)	Sess	Kulur	Razza	Numru tal-identifikazzjoni	Sistema tal-identifikazzjoni	Data tat-twelid [jj/xx/ssss]



**Moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa lejn Stat
Membri minn territorju jew pajjiż terz skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-
Regolament (UE) Nru 576/2013**

PAJJIŻ

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
	Jiena, il-veterinarju uffiċjali ⁽¹⁾/il-veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti ⁽¹⁾ ta' , sottoskritt. (<i>daħħal isem it-territorju jew il-pajjiż terz</i>) niċċertifika li: <u>L-għan/in-natura tal-vjaġġ attestat(a) mis-sid:</u> II.1. id-dikjazzjoni mehmuża ⁽²⁾ mis-sid jew mill-persuna fiżika li għandha l-awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid, sostnuta bl-evidenza ⁽³⁾, tiddikjara li l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 se jakkumpanjaw lis-sid jew lill-persuna fiżika li għandha l-awtorizzazzjoni bil-miktub biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid fi żmien mhux itwal mill-ħamest ijiem wara l-moviment tiegħu u li l-għan tal-moviment tagħhom mhuwiex il-bejgħ jew it-trasferiment tal-pussess, u matul il-moviment mhux kummerċjali se jibqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' ⁽¹⁾ <i>jew</i> [is-sid;] ⁽¹⁾ <i>inkella</i> [il-persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand is-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid;] ⁽¹⁾ <i>inkella</i> [il-persuna fiżika magħżula minn trasportatur ikkuntrattat mis-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid;] ⁽¹⁾ <i>inkella</i> [II.2. l-għadd tal-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 li qed jiġu ttrasportati huwa ta' ħamsa jew inqas;] ⁽¹⁾ <i>inkella</i> [II.2. l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 qed jiġu ttrasportati f'lott ta' aktar minn ħamsa, għandhom iżjed minn sitt xhur u se jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet, f'wirjiet jew f'avvenimenti sportivi, inkella biex jiġiharrgu għal dawn l'avvenimenti, u s-sid jew il-persuna fiżika msemmi/ja fil-punt II.1 weraw/uriet l-evidenza ⁽³⁾ li l-annimali huma reġistrati] ⁽¹⁾ <i>jew</i> [biex jattendu avveniment ta' dan it-tip;] ⁽¹⁾ <i>inkella</i> [ma' assoċjazzjoni li torganizza dan it-tip ta' avveniment;] <u>Attestazzjoni tat-tilqim kontra l-idrofobija u tat-test ta' titrazzjoni għall-antikorpi tal-idrofobija:</u> ⁽¹⁾ <i>jew</i> [II.3. l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 għandhom inqas minn 12-il xahar u ma tlaqqmex kontra l-idrofobija, jew għandhom bejn 12 u 16-il ġimgħa u tlaqqmu kontra l-idrofobija, iżda għandhom ma għaddewx 21 jum minn mindu ntemm it-tilqim primarju kontra l-idrofobija mwettaq skont ir-rekwiżiti ta' validità stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 ⁽⁴⁾, u II.3.1 it-territorju jew il-pajjiż terz ta' provenjenza tal-annimali indikati fil-Kaxxa I.1 hija elenkata fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 u l-Istat Membru tad-destinazzjoni indikat fil-Kaxxa I.5 informa lill-pubbliku li jawtorizza l-moviment ta' dawn l-annimali għal got-territorju tiegħu u għandhom magħhom ⁽¹⁾ <i>jew</i> [II.3.2 id-dikjarazzjoni mehmuża ⁽⁵⁾ tas-sid jew tal-persuna fiżika msemmija fil-punt II.1 li tgħid li minn twelidhom sal-ħin tal-moviment mhux kummerċjali tagħhom l-annimali qatt ma kellhom kuntatt ma' annimali selvaġġi ta' speċijiet li huma suxxettibbli għall-idrofobija;] ⁽¹⁾ <i>inkella</i> [II.3.2 ommhom, li għandhom jiddependu minnha, u jista' jintwera li qabel weldithom l-omm tlaqqmet kontra l-idrofobija b'tilqima li tissodisfa r-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013;] ⁽¹⁾ <i>jew/u</i> [II.3. l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 kellhom mill-inqas 12-il ġimgħa meta tlaqqmu kontra l-idrofobija u għaddew mill-inqas 21 jum minn mindu ntemm it-tilqim primarju kontra l-idrofobija ⁽⁴⁾ li twettaq skont ir-rekwiżiti ta' validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 u kull tiġdid sussegwenti tat-tilqim twettaq waqt il-perjodu ta' validità tat-tilqim preċedenti ⁽⁶⁾; u ⁽¹⁾ <i>jew</i> [II.3.1 l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 ġew minn territorju jew minn pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013, jew direttament, minn ġo territorju jew pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 inkella minn ġo territorju jew pajjiż terz għajr dawk elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 skont il-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 ⁽⁷⁾, u d-dettalji tat-tilqim attwali kontra l-idrofobija jinsabu fit-tabella hawn taħt;]		

▼ M3

Moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa lejn Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013

PAJJIŻ

II. Informazzjoni dwar is-saħħa		II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat		II.b.			
(¹) <i>inkella</i> [II.3.1 I-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 ġew minn, jew huma skedati biex jgħaddu minn, territorju jew pajjiż terz għajr dawk elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013, u test tat-titrazzjoni kontra l-idrofobija (⁸), li twettaq fuq kampjun tad-demmi li nġabar minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fid-data indikata fit-tabella hawn taħt mhux anqas minn 30 jum wara t-tilqim preċedenti u tal-anqas tliet xhur qabel id-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, wera titru tal-antikorpi ekwivalenti għal 0,5 IU/ml (⁹) jew iktar u kull tilqim mill-ġdid sussegwenti li ngħata fil-perjodu ta' validità tat-tilqim preċedenti (⁸), u d-dettalji tat-tilqim attwali kontra l-idrofobija u d-data tal-kampjunar għall-ittestjar tar-reazzjoni tal-immunità jinsabu fit-tabella hawn taħt:							
Transponder jew tatwaġġ		Data tat-tilqima [jj/xx/ssss]	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin	Numru tal-lott	Validità tat-tilqima		Data tat-teħid tal-kampjun tad-demmi [jj/xx/ssss]
Kodiċi alfanumeriku tal-annimal	Data tal-impjantazzjoni u/jew tal-qari (¹⁰) [jj/xx/ssss]				Minn [jj/xx/ssss]	sa [jj/xx/ssss]	
]]							
Attestazzjoni tat-trattament kontra l-parassiti:							
(¹) <i>jew</i> [II.4.		id-destinazzjoni tal-klieb deskritti fil-Kaxxa I.28 hija Stat Membru elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 u l-klieb ingħataw trattament kontra l- <i>Echinococcus multilocularis</i> , u d-dettalji tat-trattament li ngħata mill-veterinarju amministranti f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 (¹¹) (¹²) (¹³) jinsabu fit-tabella ta' hawn taħt.]					
(¹) <i>inkella</i> [II.4.		il-klieb deskritti fil-Kaxxa I.28 ma ngħatawx trattament kontra l- <i>Echinococcus multilocularis</i> (¹¹).]					
In-numru tat-transponder jew tat-tatwaġġ tal-kelb	Trattament kontra l-<i>Echinococcus</i>			Veterinarju amministranti			
	Isem u manifattur tal-prodott	Id-data [jj/xx/ssss] u l-ħin tat-trattament [00:00]		Isem b'ittri majjuskoli, it-timbru u l-firma			
]]							

▼ M3

**Moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa lejn Stat
Membri minn territorju jew pajjiż terz skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-
Regolament (UE) Nru 576/2013**

PAJJIŻ

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
Noti (a) Dan iċ-ċertifikat huwa magħmul għall-klieb (<i>Canis lupus familiaris</i>), għall-qtates (<i>Felis silvestris catus</i>), u għall-inmsa (<i>Mustela putorius furo</i>). (b) Dan iċ-ċertifikat jibqa' validu għal 10 ijiem mid-data ta' meta joħorġu l-veterinarju uffiċjali sad-data tal-kontrolli tad-dokumenti u tal-identità fil-punt tad-dħul magħżul għall-passiġġieri fl-Unjoni (li jinsab hawn http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/pointsentry_en.htm). Fil-każ tat-trasportazzjoni bil-baħar, dak il-perjodu ta' 10 ijiem jittawwal b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi mat-tul tal-vjaġġ bil-baħar. Għall-għan ta' aktar moviment fi Stati Membri oħrajn, dan iċ-ċertifikat jibqa' validu għal total ta' erba' xhur mid-data tal-kontrolli tad-dokumenti u tal-identità, inkella jibqa' validu sad-data ta' skadenza tal-validità tat-tilqima kontra l-idrofobija, jew sa meta jieqfu japplikaw il-kondizzjonijiet għall-annimali li jkollhom inqas minn 16-il xahar, kif imsemmi fil-punt II.3, skont liema data tiġi l-ewwel. Ta' min wieħed jinnota li xi Stati Membri wasslu l-informazzjoni li mhuwiex awtorizzat il-moviment ta' annimali li jkollhom inqas minn 16-il ġimgħa għal got-territorju tagħhom, kif imsemmi fil-punt II.3. Tista' tfittex aktar informazzjoni hawn http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/index_en.htm. Parti I: Kaxxa I.5: <i>Destinatarju</i>: indika l-ewwel Stat Membru destinatarju. Kaxxa I.28: <i>Sistema tal-identifikazzjoni</i>: għażel minn hawn taħt: transponder jew tatwaġġ. <i>Numru tal-identifikazzjoni</i>: indika l-kodiċi alfanumeriku tat-transponder jew tat-tatwaġġ. <i>Data tat-twelid/razza</i>: iddikjarati mis-sid. Parti II: (¹) Żomm dak li japplika. (²) Id-dikjarazzjoni msemija fil-punt II.1 għandha tinthemeż maċ-ċertifikat u tikkonforma mal-mudell u mar-rekwiżiti addizzjonali stipulati fil-Parti 3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013. (³) L-evidenza msemija fil-punt II.1 (eż. il-biljett tal-imbarkazzjoni, il-biljett tat-titjira) u fil-punt II.2 (eż. ir-riċevuta tad-dħul għall-avveniment, provi ta' sħubija) għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-kontrolli msemmin fil-punt (b) tan-Noti jekk dawn jitolbuha. (⁴) Kull tilqim mill-ġdid irid jitqies bħala tilqim primarju jekk ma jkunx twettaq waqt il-perjodu ta' validità tat-tilqim preċedenti. (⁵) Id-dikjarazzjoni msemija fil-punt II.3.2 li trid tinthemeż maċ-ċertifikat tikkonforma mar-rekwiżiti għall-format, it-tqassim fuq il-paġna u r-rekwiżiti linguistiċi stipulati fil-Partijiet 1 u 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013. (⁶) Maċ-ċertifikat għandha tinthemeż kopja ċċertifikata tal-identifikazzjoni u tad-dettalji tat-tilqim tal-annimali kkonċernati. (⁷) It-tielet alternattiva hija soġġett għall-kundizzjoni li s-sid jew il-persuna fiżika msemmin fil-punt II.1 jagħtu dikjarazzjoni li tgħid li l-annimali ma kellhomx kuntatt ma annimali ta' speċijiet suxxettibbli għall-idrofobija u baqgħu magħluqin fil-mezz tat-trasport jew fil-perimetru ta' ajruport internazzjonali waqt it-tranżitu minn territorju jew pajjiż terz għajr elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013, meta din tintalab mill-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-kontrolli msemmin fil-punt (b). Din id-dikjarazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti għall-format, it-tqassim fuq il-paġna u r-rekwiżiti linguistiċi stipulati fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.		



**Moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa lejn Stat
Membri minn territorju jew pajjiż terz skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-
Regolament (UE) Nru 576/2013**

PAJJIŻ

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
(⁸)	It-test ta' titrazzjoni għall-antikorpi kontra l-idrofobija msemmi fil-punt II.3.1:		
—	irid jitwettag fuq kampjun li jinġabar minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti, mill-inqas 30 jum wara d-data tat-tilqim u tliet xhur qabel id-data tal-importazzjoni;		
—	irid ikejjel livell ta' antikorpi newtralizzanti għall-virus tal-idrofobija f'seru li jkun ugwali għal 0,5 IU/ml jew iżjed;		
—	irid jitwettag minn laboratorju approvat f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE (il-lista tal-laboratorji approvati tinsab hawn http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/approval_en.htm);		
—	ma hemmx għalfejn jerġa' jsir fuq annimal li, wara li jkun sarlu t-test u ħarġu riżultati tajbin, ikun tlaqqam mill-ġdid kontra l-idrofobija fil-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti.		
	Maċ-ċertifikat għandha tinhemeż kopja ċċertifikata tar-rapport uffiċjali mil-laboratorju approvat dwar ir-riżultati tat-test għall-antikorpi tal-idrofobija msemmi fil-punt II.3.1.		
(⁹)	Meta jiċċertifika dan ir-riżultat, il-veterinarju uffiċjali jkun qed jikkonferma li sa fejn seta' jkun ivverifika l-awtentiċità tar-rapport tal-laboratorju dwar ir-riżultati tat-test ta' titrazzjoni għall-antikorpi msemmi fil-punt II.3.1., u dan anki, fejn kien hemm bżonn billi għamel kuntatt mal-laboratorju msemmi fir-rapport.		
(¹⁰)	Flimkien man-nota tal-qiegħ (6), l-immarkar tal-annimali kkonċernati permezz tal-impjantazzjoni ta' transponder jew permezz ta' tatwaġġ ċar li jkun jista' jinqara, qabel it-3 ta' Lulju 2011 irid jiġi vverifikat qabel ma jinkiteb xejn f'dan iċ-ċertifikat, u dejjem irid isir qabel ma tingħata ebda tilqima, jew, fejn japplika, qabel ma jitwettqu ebda testijiet fuq dawk l-annimali.		
(¹¹)	It-trattament kontra l- <i>Echinococcus multilocularis</i> imsemmi fil-punt II.4 jeħtieġ li:		
—	ikun amministrat minn veterinarju f'perjodu ta' mhux iżjed minn 120 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel il-ħin skedat għad-dħul tal-klieb f'wieħed mill-Istati Membri jew xi parti minnu elenkata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878;		
—	ikun jikkonsisti minn prodott mediċinali approvat li jkun fih id-doża xierqa ta' prażikwantel jew sustanzi farmakoloġikament attivi, li waħedhom jew flimkien, taw provi li jnaqqsu l-kwantità tal-forma intestinali, matura u immatura, tal- <i>Echinococcus multilocularis</i> fl-ispeċi ospitanti kkonċernata.		
(¹²)	It-tabella msemmija fil-punt II.4 trid tintuża biex jiddaħħlu dettalji ta' kull trattament ieħor jekk dan jingħata wara d-data li fiha jkun ġie ffirmat iċ-ċertifikat u qabel id-dħul skedat f'wieħed mill-Istati Membri jew xi parti minnu elenkata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878.		
(¹³)	It-tabella msemmija fil-punt II.4 trid tintuża biex jiddaħħlu d-dettalji tat-trattamenti jekk dawn jingħataw wara d-data li fiha ġie ffirmat iċ-ċertifikat bil-għan li l-annimal jerġa' jiġi ttrasportat fi Stati Membri oħra, kif deskritt fil-punt (b) tan-Noti, u flimkien man-nota tal-qiegħ (11).		
Il-veterinarju uffiċjali/Il-veterinarju awtorizzat			
Isem (b'ittri majjuskoli):		Kwalifika u titolu:	
Indirizz			
Nru tat-telefon:			
Data:		Firma:	
Timbru:			

▼ **M3**

**Moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa lejn Stat
Membru minn territorju jew pajjiż terz skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-
Regolament (UE) Nru 576/2013**

PAJJIŻ

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
Approvazzjoni tal-awtorità kompetenti (mhijiex meħtieġa jekk iċ-ċertifikat ikun iffirmat minn veterinarju uffiċjali) Isem (b'ittri majjuskoli): _____ Kwalifika u titolu: _____ Indirizz _____ Nru tat-telefon: _____ Data: _____ Firma: _____ Timbru: _____		
L-uffiċjal fil-punt tad-dħul tal-passiġġieri (meħtieġ biex il-vjaġġ ikompli lejn Stati Membri oħra) Isem (b'ittri majjuskoli): _____ Titlu: _____ Indirizz _____ Nru tat-telefon: _____ Indirizz tal-posta elettronika: _____ Data tat-tlestija tal-kontroli tad-dokumenti u tal-identità: _____ Firma: _____ Timbru: _____		



PARTI 2

Noti ta' spjegazzjoni dwar kif għandhom jimteww id-ċertifikati tas-saħħa tal-animalli

- (a) Fejn id-ċertifikat jiddikjara li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif imiss, dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jistgħu jkunu ingassati, inizjalati u ttimbrati mill-uffiċjal veterinarju, jew jitħassru għalkollox id-ċertifikat.
 - (b) L-oriġinali ta' kull id-ċertifikat għandu jkun magħmul minn folja waħda jew, fejn aktar test huwa meħtieġ, għandu jkun f'tali forma li l-folji kollha meħtieġa jiffurmaw id-ċertifikat sħiħ integrat li ma jkunx diviżibbli.
 - (c) Id-ċertifikat għandu jiġi abbozzat f'tal-anqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-dħul u bl-Ingliż. Għandu jimtela b'ittri kapitali f'tal-anqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-dħul jew bl-Ingliż.
 - (d) Jekk ma-ċertifikat jinhemżu folji ta' karta addizzjonali jew dokumenti ta' sostenn, dawk il-folji ta' karta jew dokument jitqiesu bħala parti mill-kopja oriġinali ta-ċertifikat billi tiġi ffirmata u ttimbrata kull waħda mill-paġni mill-uffiċjal veterinarju.
 - (e) Meta id-ċertifikat, inklużi l-folji addizzjonali msemmija fil-punt (d), ikun magħmul minn aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tiġi nnumerata, (numru tal-paġna minn numru totali tal-paġni), fl-aħħar tal-paġna u għandu jkollha fuqha n-numru tar-referenza ta-ċertifikat indikat mill-awtorità kompetenti fin-naħa ta' fuq ta kull paġna.
 - (f) L-oriġinal ta-ċertifikat għandu jkun maħruġ minn veterinarju uffiċjali tat-territorju jew tal-pajjiżi terz tal-konsenja jew minn veterinarju awtorizzat u sussegwentement approvat mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew f'pajjiżi terzi tal-konsenja. L-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz tal-konsenja għandhom jiżguraw li jiġu osservati r-regoli u l-prinċipji għaċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 96/93/KE.
- Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Dan ir-rekwiżit japplika wkoll għal timbri għajr dawk ibbuzzati jew b'marka li tidher meta mqiegħda kontra d-dawl.
- (g) In-numru ta' referenza ta-ċertifikat imsemmi fil-kaxxi I.2 u II.a. għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew tal-pajjiż terz tal-konsenja.



PARTI 3

Parti 3 Dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013
*Taqsim A***Mudell ta' dikjarazzjoni**

Jiena, is-sottoskritt

.....

[is-sid jew il-persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid ⁽¹⁾]

niddikjara li l-annimali domestiċi li ġejjin mhumie x soġġetti għal moviment li timmira lejn il-bejgħ tagħhom jew it-trasferiment ta' pussess u se jakkumpanjaw lis-sid jew lill-persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq moviment mhux kummerċjali f'isem is-sid ⁽¹⁾ fi żmien mhux aktar minn 5 ijiem tal-moviment tagħha.

Kodiċi alfanumeriku tat-transponder/tat-tatwaġġ ⁽¹⁾	Numru taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali

Matul il-moviment mhux kummerċjali, l-annimali hawn fuq imsemmija se jibqgħu taħt ir-responsabbiltà ta'

⁽¹⁾ *jew* [is-sid];

⁽¹⁾ *jew* [il-persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid];

⁽¹⁾ *jew* [il-persuna fiżika maħtura minn trasportatur ikkuntrattat mis-sid biex iwettaq moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid: (*daħħal l-isem tat-trasportatur*)]

Post u data:

Firma tas-sid jew tal-persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mis-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid ⁽¹⁾:

⁽¹⁾ ħassar kif meħtieġ.

*Taqsim B***Rekwiżiti addizzjonali għad-dikjarazzjoni**

Id-dikjarazzjoni għandha tiġi abbozzata f'tal-anqas waħda mil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru tad-dħul u bl-Ingliż u għandha timtela b'ittri kapitali.